VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 7 LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 72

Flt-Tnejn 3 ta' Diċembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 33-35, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-19.00hrs.

**PREŻENTI:**

Prof Alexiei Dingi – Sindku
Christian Micallef – Viċi Sindku
Dr Norman Shaw – Minority Leader
Vincent Fabri – Kunsillier
Vincent Farrugia – Kunsillier
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Mario Camenzuli – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ippresjeda l-laqgħa.

### 72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

72.1.1 Nil

### 72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

72.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 71– It-Tnejn 6 ta' Novembru 2018 kienu ikkonfermati.

### 72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

72.3.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li wara li gew iffirmati l-kuntratti ta' tenders Lot 1 u anke Lot 2 tal-bankini l-permessi tal-Planning Authority kellhom jiggeddu u għalhekk xogħol għandu jibda fl-2019.il-Kunsill qabel dwar dan.

72.3.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li saru l-inteviews min l-interviewing board magħmul min membri tal-Kunsill Lokali. Għal EU Assistant. L-persuna magħżula hija Leonora Celeste. Dan wara qbil unanimu.

72.3.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ppreżenta l-adġustamenti li saru mil-Awdituri għal-Financial Statments ta' 2017. Il-Kunsill qabel dwar dan.

72.3.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-ERA talbu l-Kunsill biex jingħataw postijiet fejn għandu ssir l-infurzar. L-Kunsill qabel li dan għandu jsir infurzar gewwa Triq ir-Republika, Zona tad-Due Balli, l-Mandragg, l-Arciperku u l-Kamrata.

72.3.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li fil-passat kienet saret laqgħa mal-LESA flimkien mas-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis. F' din l-laqgħa kien mwiegħed li ser jizdied l-infurzar imma dan ma sarx. Il-Kunsill qabel dwar dan.

### 72.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

72.4.1 L-Viċi Sindku Christian Micallef nforma li wara li transport Malta kienet ser tagħmel xi toroq pedonali huwa nforma mal-ewwel lil Ministru Ian Borg fejn interviena u din ma saritx. L-Kunsill qabel li din keinet ser toħloq nuqqas ta' parkeggi. L- Kunsill qabel dwar dan.

72.4.2 Minn naħa l-oħra l-kunsillier Raymond Azzopardi nforma li dan ser isir u ser issir bi prova.

72.4.3 L-Viċi Sindku Christian Micallef staqsa dwar jekk l-Kap TA' Agenzija Appogg Sur Alfred Grixti nfurmax l-kunsill bi zviluppi dwar dar tal-gvern vicin residenti. L-Kunsill ma rċieva l-ebda komunikazzjoni.

72.4.4 L-Viċi Sindku Christian Micallef ġibed l-attezjoni tal-Kunsillier Vinċent Farrugia Lauri li jekk ma setgħax jara kumment dwaru fuq Facebook fuq grupp partikolari jista' jagħti l-każ li kien għaliex il-Kunsiller Raymond Azzopardi kien għażel li jibblokajħ bħal m'għamel fil-każ tiegħu personali. Il-Kunsillier RaymondAzzopardi nforma li iva jammetti li l-Viċi Sinkdku huwa blocked mil-pagna pero huwa ghandu dritt jattakka lil min jixtieq huwa fil-pagna tiegħu.

72.4.5 L-Kunsillier Mario Camenzuli nforma li wara li sema diskors ta' l-Onor Chris Agius hemm fondi biex isiru proġetti kapitali. Is-Sindku nforma li l-Kunsill diga qed jibbenfika min dawn l-fondi mil-Planning Authority. Il-Kunsill qabel dwar dan.

72.4.6 l-kunsillier Raymond Azzopardi staqsa lis-Sindku Prof Alexiei Dingli li qed jirċievi xi korrispondenza min Sqallija u mhux qed jirrispondieha. Is-Sindku nforma li ma jafx fuq xiex qed jitkellem u talbu aktar informazjoni. L-Kunsillier Azzopardi ma kienx jaf aktar dettalji.

## 72.5 Rapporti

72.6.1

## 72.6 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

72.6.1 L-Kunsill rceiva korrispondenza mill-ufficcju tal-President dwar festin li ser isir u fejn gew mistiedna l-Kunsillieri.

72.6.2 L-Kunsill rceiva korrispondenza m'għand Jean Claude Micallef dwar program televiziv – Kwizz. F' Dan l-program qed jistieden lil Kunsillieri biex jieħdu sehem.

72.6.3 l-Kunsill rcieva korrispondenza mil-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-ħaddiema ta' ETC.

## 72.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

## 72.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

Nil

## 72.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

72.9.1 Novembru 2018

Il-Kunsill aġġorna għat-Tnejn 14 ta' Jannar 2019 19.00hrs

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Christian Micallef | Gabriella Agius |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |